Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►**B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2197**

tas-27 ta' Novembru 2017

dwar ir-rimborż, b'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja tal-2017

(ĠU L 312, 28.11.2017, p. 86)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1097 tas-26 ta' Lulju 2018	L 197	5	3.8.2018

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2197

tas-27 ta' Novembru 2017

dwar ir-rimborż, b'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja tal-2017

Artikolu 1

L-ammonti tal-approprjazzjonijiet li se jiġu riportati mis-sena finanzjarja tal-2017 b'konformità mal-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, u li, b'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, qed isiru disponibbli għall-Istati Membri għar-rimborż lill-benefiċjarji finali li huma soġġetti għar-rata ta' aġġustament fis-sena finanzjarja tal-2018, huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-ammonti li se jiġu riportati huma soġġetti għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riporti b'konformità mal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Artikolu 2

In-nefqa tal-Istati Membri b'rabta mar-rimborż tal-approprjazzjonijiet riportati għandha tkun eliġibbli biss għall-finanzjament tal-Unjoni jekk l-ammonti rilevanti jkunu tħallsu lill-benefiċjarji qabel is-16 ta' Ottubru 2018.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

L-ammonti disponibbli għar-rimborż tal-approprjazzjonijiet riportati

(ammonti f'EUR)

Il-Belġju	6 129 769
Il-Bulgarija	7 720 511
Ir-Repubblika Ċeka	10 764 025
Id-Danimarka	10 476 968
Il-Ġermanja	58 035 302
L-Estonja	1 288 878
L-Irlanda	13 229 176
Il-Greċja	16 182 344
Spanja	54 860 187
Franza	89 884 134
L-Italja	37 765 185
Ċipru	355 813
Il-Latvja	1 952 848
Il-Litwanja	3 923 157
Il-Lussemburgu	406 406
L-Ungerija	14 828 231
Malta	33 643
In-Netherlands	8 821 818
L-Awstrija	6 908 717
Il-Polonja	24 870 087
Il-Portugall	6 699 290
▼M1	
Ir-Rumanija	16 452 203
▼B	
Is-Slovenja	931 120
Is-Slovakkja	5 554 196
Il-Finlandja	5 885 783
L-Iżvezja	7 897 927
Ir-Renju Unit	37 930 754